# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Francis Xavier Micallef.

Seduta tal-lum 9 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Francis Xavier Micallef, bin Emanuel u Margaret nee Micallef, imwieled Victoria , Ghawdex u joqghod "Farmhouse", Triq l-Imgarr, Victoria Ghawdex, karta tal-identita' numru 36461 (G) kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

**Nakkuzah talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar tnax-il xahar, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi inqeda b'qera iheor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' Lm6,000 ghad-dannu ta' Geroge Catania, minn Mellieha, bi ksur tal-Artikolu 308, tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijijiet ta' Malta;**

**Nakkuzah ukoll talli: sar recediv b'sentenza moghtija lilu fl-20 ta' Jannar 1987, liema sentenza saret definittiva u ma tista' qatt tinbidel;**

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Marzu 1998 skond l-artikolu 370(3) tal-kap 9 fejn baghat lill-imputat biex ikun gudikat minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikokli 18, 308, 309, 310, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputat iddikjara illi ma ghandhux oggezzjoni li l-kawza tieghu tkun trattta bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet istitwita fuq istanza ta' Geroge Catania kif jirrizulta mid-Dok PV2

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza kienu is-segwenti:

**Provi Prosekuzzjoni**:

**L-Ispettur Paul Vassallo** (fol 25 sa 33) spjega kif kien ghamel l-indagini tieghu wara li Goerge Catania mill-Mellieha irrapurtalu li l-imputat kien irrilaxxjal cheque fis-somma ta' Lm6000 u dan ma setghax jissarraf. L-imputat kien ammetta mieghu li kien hareg ic-cheuqe de quo li kien precedentement inhareg fuq persuna ohra izda li kien Catania li talbu li jaghmel hekk bhala prova li kellu jiehu xi flus minghand l-imputat. L-imputat kellu jaghti aktar minn Lm6000 u dan ic-cheque inghata bhala parti mill-bilanc. Waqt l-indagini tieghu l-Ispettur inghata spjegazzjoni minghad l-imputat fis-sens illi dan kien informa lill-Catania illi ma kienx ghad kellu cheque book u li sab cheque antik fil-vann u rrangah, anzi irrangatu l-mara ta' Catania;

Ix-xhud spjega kif ma kienx konvint dwar dan u talab lill-imputat jghid ghaliex ma iffirmax xi forma ta' nota li kellu jaghti l-flus lill-Catania u l-imputat wiegbu illi c-cheque hargu fuq insistenza ta' Catania u li spjegalu li ma kellux imur jipprezentah il-bank ghax b'hekk kien jghallih. L-Ispettur Vassallo esebixxa ukoll kopja ta' sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1987 fl-ismijet Ir-Repubblika ta' Malta vs Xavier sive Francis Micallef.

**George Catania,** il-kwerelant, xehed illi l-imputat kien tah cheque fl-ammont ta' Lm6000

izda dan ma setghax jissarraf. Dan l-ammont kien jirraprezenta bejgh ta' tigieg mill-kwerelant lill-imputat. Ix-xhud qal li mhux minnu li l-imputat hariglu c-cheque bil-kundizzjoni li ma jipprezentahx il-bank. Ghall-ewwel mar biex ihallas llill-Andrews tal-gwiez izda dan ma jaccettax cekkijiet jekk ma jkunux mahruga mill-klijent u ghalhekk mar il-bank fejn infurmah illi ma kienx hemm flus fil-kont. Huwa qal li lill-imputat kien talbu l-flus proprju biex ihallas il-gwiez u li wara li ma ssarrafx ic-cheque tkellem ma' l-imputat izda peress li qatt ma gie bil-flus kif wieghed iddecieda ikellem avukat. Catania qal li c-cheque kien ilu li nhariglu xi tlett xhur u li sa xahar u nofs qabel il-kwerela l-imputat kien wieghdu li jgiblu xi haga mil-flus**.**

**Maria Louise Catania**, mart il-kwerelant, ikkonfermat illi l-imputat kellu jaghti ammont ta' flus lilha u lill-zewgha prezz ta' bejgh ta' tigieg. Gieli kienu jcemplulu hames darbiet kulljum ghal flus u dejjem kien isib xi skuza jew ohra biex jevithom. Din ix-xhud tikkonferma hekk a fol 55. "L-ahhar li tlajna, ghidnielu, lanqas "tista' taghtina cekk?' u li l-imputat wiegibha "Jien dawn ic-cekkijiet ghandi". Dana pprezentali mazz cekkijiet, qallli "ghax ma ghandix cekkijiet vojta" u talabha tghazel wiehed. Din ix-xhud qalet is-segwenti kliem "Ghidnielu "ghax ahna rridu nhallsu, u rridu nuru lil min ghandna naghtu, li ghandna ndahhlu". Hi ikkonfermat illi l-kwerelanti ghandhom kont mal-Andrews Feeds u li meta marru biex ihallsu lill-Andrews bl-istess cheque, dan ma accettahx. A fol 59 ix-xhud qalet illi l-ammont ta' flus li ghandhom jiehdu minghand l-imptuat huwa ta' kwazi Lm6000;

**Joseph Debattista**, rapprezentant tal-Bank of Valletta Ltd, xehed illi n-numru tal-kont li jidher fuq ic-cheque mertu tal-kawza u ezebit bhala fotokopja a fol 38 u bhala original a fol 84 jappartjeni lill-imputat u huwa kont kurrenti kif ukoll li dan il-kont fih l-ammont ta' Lm7.70 u ilu hekk mil-31 ta' Dicembru 1996. F'Gunju tal-1997 ma kienx hemm l-ammont ta' Lm6000 fil-kont;

PC 759 Manwel Cordina ikkonferma illi kien prezenti waqt l-istqarrija esebita bhala Dok PV1;

**Provi Difiza:**

**Francis Xavier Micallef** xehed illi huwa jixtri tigieg minghand il-kwerelanti u kellu jtihom xi Lm6000 izda ma jafx ezatt kemm u meta George Catania gie ghal-hlas qallu li dak il-hin ma kellux flus. Wara hafna zmien kienu marru ghandu il-kwerelanti u Marie Louise Catania kienet talbet lill-imputat johrog cheque anke jekk "post dated" izda hu infurmahom illi l-kontijiet tieghu kienu mghaluqin u urihom cekkijiet li kienu gew lura ghaliex ma ssarfux. Mart il-kwerelant talbitu jirranga cheque li kellu bhala ammont indikat Lm6000 biex ikollha x'turi lill-bank li ghandha tiehu. Ikun opportun hawnhekk li tkun riprodotta ix-xhieda tal-imputat a fol 94 li qal hekk:

"Ghidtilha jiena ma'ghandix cekkijiet vojta, blank cheques, qaltli tibzax, qaltli ha naghzel wiehed jien, u ghazlet wiehed minn dawk illi jibghatlek il-bank lura, taf x'igiefieri, tkun sarrafthom u jibghatlek u ghazlet wiehed, u kitbet six thousand fuqu, qaltli dan kemm nurih jien illi ghandek tatina u iffirmajtilha xi hames firem jien, pero' ghamiltilha cara illi dak ic-cheque ma tmurx il-bank bih, ghax ma jisarrafx u lili iddahhalni f'hafna inwkiet u hemm it-tifel ta'ohti xhud ghax kien mieghi dak il-hin"

Minn ezami ta' dawn il-provi l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi l-imputat huwa akkuzat principalment bi ksur ta' l-art 308, 309 u 310 tal-Kap 9. L-art 308 u 309 jghidu hekk:

> 308. Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qera iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenz ta' intraprizi foloz, jew ta; hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, <u>jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor</u>, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena.
>
> 309 Kull min, <u>bi hsara ta' haddiehor</u>, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi f'artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet snin jew il-multa;

Is-sottolinejar li jidher f'dawn iz-zewg artikoli huwa tal-Qorti u sar ghaliex huwa ta' massima importanza fl-ezami ghas-sejbien ta' htija o meno fil-kaz in dizamina. Fis-sottomissjonijet taghha l-prosekuzzjoni allegat illi mhux kull kaz ta' hrug ta' cheques mhux onorati ghandhom jitqiesu li huma ta' indoli civili kif deciz recentement mill-Qrati tal-Appell Kriminali u dan ghaliex dak li ghamel l-imputat jinkwadra perfettament f'dak li jipprovdi l-artikolu 308. L-imputat ta l-impressjoni li jista' jsir hlas meta kien jaf li ma kellux flus fil-kont. Da parti taghha id-difiza ssostni illi la darba l-bejgh kien sar ferm qabel ma nhareg ic-cheque u f'dan il-kaz diversi xhur qabel, ma jinkwadra xejn l-artikolu 308 u wisq anqas l-artikolu 309;

Illi kif ssollevat tajjeb id-difiza, l-element ta' kontemporanjeta' ma jirrizultax f'din il-kawza. Sabiex tirnexxi it-tezi tal-prosekuzzjoni jehtieg illi ikun pruvat illi fil-hin marbut mal-hrug tac-cheque, l-imputat ghamel xi qliegh bi hsara ta' haddiehor. L-imputat kien xtara tigieg minghand l-kwerelanti diversi xhur qabel. Meta ma hallasx kien issikkat mill-kwerelanti u dan hareg cheque fl-ammont ta' Lm6000. Irid jinghad hawnhekk illi dan ma kienx cheque gdid ghaliex mhux biss kien gia utilizzat izda kien "Referred to drawer" mill-bank, li jfissier li meta l-persuna intestata, u cioe Marcell Farrugia marret issarraf ic-cheque fl-1992 fl-ammont ta' Lm1000 ma kienx hemm flus il-bank. L-imputat jghid illi l-alterazzjonjiet fic-cheque saru minn Marie Louis Catania u cioe' fejn inqata' l-isem ta' Marcell Farrugia u kien sostitwit b'isem il-kwerelant, u kien alterat l-ammont ta' Lm1000 biex jaqra Lm6000 kif ukoll id-data u mbaghad qaltlu jiffierma l-alterazzjonijiet.

Illi l-Qorti ikollha tinnota illi fuq ic-cheque de quo hemm zewg kaligrafiji differenti u cioe' l-isem ta' George Catania u d-data tac-cheque huwa vizibilment differenti mill-kaligrafija tal-persuna li kitbet l-ewwel cheque originali anke jekk b'semplici ezami

fejn jidher illi id-data u l-kliem originali huma miktubin minn persuna li tikteb b'mod mxaqleb lejn ix-xellug u l-kitba aktar ricenti hija maghmulha minn persuna li xxaqleb il-kaligrafija taghha lejn il-lemin u dan apparti kif gia inghad id-distinzjonijiet ovvji fil-kaligrafiji.

Illi l-kwerelanti anqas giebu prova ta' kemm verament kellhom jiehdu minghand l-imputat. Dawn kellhom kull opportunita li jipprezentaw dokumenti relevanti izda baqghu ma ghamluhx. In kontro-ezami l-imputat xehed illi hu hareg ic-cheque minkejja li kien hemm invoices li jintitolaw lill-kwerelanti ghall-hlas. L-invoice per se ma hix prova li persuna ghandha taghti lill-persuna ohra sakemm din l-invoice ma tkun iffirmata mid-debitur u di piu ma ngiebet l-ebda prova dwar dan. L-imputat stess ma jafx kemm kellu jaghti lill-kwerelanti. U ghalhekk il-Qorti fl-ewwel lok tasal biex temmen il-verzjoni tal-imputat u cioe li l-hsieb li jinhareg dan ic-cheque kien proprju tal-kwerelanti li setghu facilment talbu lill-imputat jiffirma skrittura, invoices jew noti biex fl-ewwel lok ikun certifikat id-debitu u dawn ikolhom x'juru lil-kredituri taghhhom li huma ukoll qed jistennew hlas minghand il-klijenti. B Dak li hareg car huwa li la l-kwerelanti ma kienu jafu jghidu kemm kien dovut mill-imputat u lanqas l-imputat ma seta jghid x'kien dovut lill-kwerelanti.

Illi meta tikkonfronta dawn il-fatti ma dak li jipprovdu l-artikoli 308 u 309 ir-risposta ghas-segwenti domanda hi wahda cara: Fejn hi l-prova ta' "qligh bi hsara ta' haddiehor" ? mkien. Ma jirrizulta mkien li l-imputat ghamel xi qliegh bi hsara ta' haddiehor. Huwa la akkwista' it-tigieg bil-premessa tac-cheque u anqas ma nhargu ricevuti favur l-imputat biex jikkonfermaw illi rizultat tal-hrug tac-cheque ma ghadx fadallu jaghti lill kwerelanti. In vista' ta' dan ma hemmx htiega ta' ezami ulterjuri ta' dak li jista' jikkostitwixxi rejat that dak li jipprovdu l-artikoli 309 nu 309 tal-Kap 9.

Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li b'agir tal-imputat ma kien kommess l-ebda rejat u ghalhekk tilliberah minn kull akkuza dedotta kontra tieghu inkluz l-akkuza tar-recediva stante li din kienet titqies biss fil-kaz li nstab hati tal-ewwel akkuza.

Magistrat.